# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 186/12/1 JVC**

**Angela Magro u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 kif riformat bis-sentenza tal-lum stess, f'isem Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin stante l-mewt ta' Angela Magro fil-mori tal-kawża, u Giuseppa Magro u b'digriet tat-3 ta' Jannar 2018, Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro assumew l-atti tal-kawża flimkien ma' Angela Magro**

**v.**

**Angelo Magro u martu Salvina Magro u għal kull interess li jista' jkollhom, George u martu Grace Magro, Emanuel u martu Mary**

**Magro, Giuseppe u martu Rita Magro u Salvatore u martu Doris Magro**

**Il-Qorti:**

*Parti Preliminari*

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Angelo u martu Salvina Magro minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2012 u fis-26 ta' Novembru 2020, kif ukoll minn digriet mogħti fis-27 ta' Awwissu 2019.

2. Il-kawża nbdiet b'rikors ġuramentat li ġie preżentat minn Angela Magro u Giuseppa Magro fil-21 ta' Frar 2012, li permezz tiegħu huma talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> "1. tikkundanna lill-intimat bhala werriet ta' Emanuel Magro ihallas lir-rikorrenti Angela Magro l-legat lilha mholli mill-istess Emanuel Magro fit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), billi jaghtiha l-pussess legali tar-razzett deskritt ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors;
>
> 2. tahtar Nutar biex jercievi u jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u kuraturi biex jidhru f'isem l-intimat Angelo Magro fil-kaz illi dan jonqos li jersaq ghall-publikazzjoni ta' dan l-att;
>
> 3. tiffissa gurnata u hin li fiha ghandu jigi pubblikat l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess;
>
> 4. tiddikjara li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra ta' l-annimali li dwarhom usurpa favur tieghu certu drittijiet kif spjegat ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors, jappartjenu lir-rikorrenti Angela Magro bid-dritt ta' uzufrutt favur ir-rikorrenti l-ohra Giuseppa Magro;

5. tiddikjara li l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra ta' l-annimali u wkoll ghadda cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jifformaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalemnt, abbuzivament u bla ebda titolu fil-ligi;

6. tordna lill-intimat Angelo Magro sabiex, a spejjez tieghu, u taht sorveljanza ta' Perit li jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, jirriprestina s-sitwazzjoni koncernati r-razzett proprjeta tar-rikorrenti fl-istat prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet in kwistjoni u cioe billi jinbnew iz-zewg hitan li twaqqaw mill-intimat Angelo Magro, terga tinbena l-kamra ta' l-annimali skond l-istat originali taghha u jitnehhew il-cable u l-katusa li bhalissa ghaddejjin mill-bitha proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement ukoll jiddezisti milli jokkupa dawn il-partijiet tar-razzett bi kwalunkwe mod u jirrilaxxa l-imsemmija partijiet okkupati minnu illegalment u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn din il-Qorti;

7. fil-kaz li l-intimat Angelo Magro jibqa inadempjenti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji imsemmija fit-talba precedenti a spejjez unikament tal-konvenut;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

3. Il-konvenuti George u martu Grace Magro, Emanuel u martu Mary Magro, Giuseppe u martu Rita Magro u Salvatore u martu Doris Magro, b'nota mressqa minnhom fis-26 ta' Marzu 2012[1], ammettew it-talbiet tal-atturi kif ġej:

"Li biha qed jammettu t-talbiet li ressqu r-rikorrenti ohthom Angela Magro u ommhom Giuseppa Magro u dan fis-sens hawn taht spjegat:

(1) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimat Angelo Magro stante li huwa l-uniku wiehed mill-ahwa Magro, cioe minn hut ir-rikorrenti Angela Magro, li qieghed jirrifjuta li jimmetti fil-pussess lir-rikorrenti Angela Magro tal-legat imholli lilha minn missierha. Fil-fatt l-esponenti immettew lir-rikorrenti Angela Magro fil-pussess ta' limsemmi legat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi tat-tmientax (18) ta' Novembru tas- sena elfejn u hdax (2011);

[1] Ara fol.52.

(2) ghal dak li jirrigwarda r-raba talba tar-rikorrenti - l-esponenti jaqblu u jaccettaw illi l-partijiet mir-razzett u l-kamra tal-annimali li tissemma f'din it-talba u fil-premessi tar-rikors guramentat fil-fatt jappartjenu lil ohthom ir-rikorrenti Angela Magro bi dritt ta' uzufrutt favur ommhom ir-rikorrenti l-ohra Giuseppa Magro. L-esponenti flimkien mal-intimati Angelo u Salvina Magro huma s-sidien ta' raba u kmamar li jinsabu adjacenti ghar-razzett u l-kamra tal-annimali imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom izda dawn iz-zewg fondi huma distinti minn xulxin u la l-esponenti u lanqas l-intimati l-ohrajn m'ghandhom l-ebda jedd fuq l-imsemmi razzett bil-kamra tal-annimali mieghu;

(3) ghal dak li jirrigwarda l-hames, is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimati Angelo u martu Salvina Magro stante li l-esponenti jikkonfermaw li kien l-intimat Angelo Magro li llegalment u minnghajr ma kellu ebda dritt wettaq ix-xogholijiet fuq iz-zewg hitan u fuq il-kamra tal-annimali u li ghadda l-cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jiffonnaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti Angela Magro.

In vista tac-cirkustanzi hawn fuq imsemmija huma m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda spejjez relattivi ghal kawza odjerna."

4. Għalhekk it-talbiet tal-atturi ġew kontestati biss mill-konvenuti Angelo u Salvina konjuġi Magro, li b'risposta ġuramentata preżentata fit-23 ta' Marzu 2012, qalu hekk:

"1. Illi l-esponenti Angelo Magro huwa wiehed mill-werrieta ta' Emanuel Magro, fil-waqt li Salvina Magro ma ghandha x'taqsam xejn mal-eredita tieghu ghajr li tigi mart l-esponenti Angelo Magro;

2. Illi sa fejn jaf l-esponenti qatt ma saret dikjarazzjoni causa mortis tal-eredita tal-mejjet Emanuel Magro;

3. Illi l-esponenti Angelo Magro akkwista flimkien ma' whud minn hutu xi proprjeta minghand il-mejjet u kuntrarjament ghal dak li qieghdin jippretendu l-atturi, mhuwiex minnu li esponenti uzurpa xi proprjeta tal-atturi;

4. Illi bejn il-kontendenti hemm diversi kwistjonijiet u bejn uhud minnhom anke kawzi u l-azzjoni odjerna mhi xejn ghajr mezz iehor sabiex issir pressjoni fuq l-esponenti;

Illi ghalhekk l-esponenti jeccepixxu dan li gej :

1. Preliminarjament in-nullita tal-kawza stante li l-mod kif din giet proposta ma jregix in kwantu (i) azzjoni ghal imissjoni fil-pussess ma tistax tithallat ma' azzjoni petitorja ; (ii) l-attrici Giuseppa Magro ma ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tipproponi t-talbiet attrici;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni mhijiex proponibbli stante li l-atturi ma ssodisfawx id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti billi qabel xejn kellhom jaraw li ssir dikjarazzjoni causa mortis tal-eredita ta' Emanuel Magro ;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni giet postulata b'mod skorrett meta ddahhlu konjugi tal-eredi li mghandhom x'jaqsmu xejn mal-eredita;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni ghall-imissjoni fil-pussess hija perenta stante li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro ;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talba ghall-imissjoni fil-pussess hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi r-raba, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi in kwantu l-azzjoni attrici giet diretta inutilment ukoll kontra konvenuti ohra u cjoe, l-konvenuti li qeghdin jitharrku ″ghal kull interess li jista' jkollhom'' liema pass sar biss sabiex jizdiedu l-ispejjez u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti ma jistghux jigu kkundannati jhallsu spejjez taghhom;

8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hi intempestiva stante li ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez ;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

5. B'sentenza mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni, it-tielet u r-raba'

eċċezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Salvina Magro, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

6. Il-kawża għalhekk kompliet tinstema' quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza. Fid-9 ta' Jannar 2019, mietet l-attriċi Angela Magro. Fit-12 ta' April 2019[2], sar rikors minn Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, George Magro, Emanuel Magro, Joseph Magro, Salvatore Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin, sabiex a tenur tal-Artikolu 806 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-ġudizzju jiġi trasfuż minn isem Angela Magro għal isimhom bħala l-werrieta tagħha.

7. Il-konvenuti appellanti opponew din it-talba fis-6 ta' Mejju 2019, u fost ħwejjeġ oħra, rrilevaw li l-istess George Magro, Salvatore Magro, Emanuel Magro u Joseph Magro kienu diġà konvenuti fil-kawża u għalhekk il-ġudizzju ma setax jiġi trasfuż f'isimhom.

8. B'digriet mogħti fis-27 ta' Awwissu 2019[3], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili warrbet l-oġġezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u laqgħet it-talba għat-trasfużjoni mill-persuni kollha li għamluha, kompriżi l-konvenuti msemmija, wara li qieset, fost ħwejjeġ oħra, li dawn kienu ammettew it-

[2] Ara fol.479.
[3] Ara fol.494.

talbiet tal-atturi u għalhekk ma kienx hemm konflitt bejn il-pożizzjoni tagħhom u dik tal-atturi.

9. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Novembru 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet mill-kawża billi ddeċidiet li:

> "1. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati Angelo u Salvina Magro;
>
> 2. Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-intimat Angelo Magro bhala werriet ta' Emanuel Magro ihallas lir-rikorrenti Angela Magro jew l-aventi kawza kif legittimati, l-legat lilha mholli mill-istess Emanuel Magro fit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), billi jaghtiha l-pussess legali tar-razzett kif identifikat minn din il-Qorti u fid-dawl ta' dak deciz aktar il' fuq;
>
> 3. Tilqa' t-tieni talba u tahtar lin-Nutar William Azzopardi sabiex jircievi u jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u tahtar lil Dr. Natalino Caruana De Brincat bhala kuratur biex jidher f'isem l-intimat Angelo Magro fil-kaz illi dan jonqos li jersaq ghall-publikazzjoni ta' dan l-att;
>
> 4. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-att relattiv ta' imissjoni fil-pussess ghandu jigi ppubblikat fi zmien xahrejn mid-data li din id-decizjoni ssir res judicata fil-gurnata u l-hin li jigu indikati minn Nutar nominat lill-partijiet;
>
> 5. Tilqa' r-raba talba u tiddikjara li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra ta' l-annimali li l-konvenut Angelo Magro usurpa favur tieghu certu drittijiet kif deciz aktar il' fuq, jappartjenu lir-rikorrenti Angela Magro jew l-aventi kawza kif legittimati;
>
> 6. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara li l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra ta' l-annimali u wkoll ghadda cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jifformaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalment, abbuzivament u bla ebda titolu fil-ligi;
>
> 7. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-intimat Angelo Magro sabiex, a spejjez tieghu u taht sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri li qed jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, jirripristina s-sitwazzjoni koncernanti r-razzett proprjeta' tar-rikorrenti fl-istat prevalenti qabel ma saru x-

xogholijiet in kwistjoni u cioe' billi jinbnew iz-zewg hitan li twaqqaw mill-intimat Angelo Magro, isiru t-tibdiliet strutturali neccessarji fil-kamra ta' l-annimali sabiex tingab lura ghad-daqs originali taghha u nkluz li jitressaq il-bieb ghal fejn kien u jitnehhew il-cable u l-katusa li bhalissa ghaddejjin mill-bitha proprjeta tar-rikorrenti, dan kollu kif suespost f'din id-decizjoni u konsegwentement ukoll jiddezisti milli jokkupa dawn il-partijiet tar-razzett bi kwalunkwe mod u jirrilaxxa l-imsemmija partijiet okkupati minnu illegalment u dan fi zmien massimu ta' tlett xhur minn meta din id-decizjoni ssir res judicata;

8. Tilqa' s-seba' talba u fil-kaz li l-intimat Angelo Magro jibqa' inadempjenti fi zmien mpost fuqu tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu huma x-xoghlijiet neccessarji imsemmija fit-talba precedenti a spejjez unikament tal-konvenut dejjem taht is-supervizjoni tal-Perit Valerio Schembri.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-Perit Valerio Schembri u tal-kuratur kontra l-intimat Angelo Magro.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni fil-mument li ssir res judicata lill-Perit Valerio Schembri, lil Dr. Natalino Caruana De Brincat u notifika lin-Nutar William Azzopardi."

10. Kif ingħad il-konvenuti Angelo u Salvina konjuġi Magro (minn issa 'l quddiem «l-appellanti») appellaw b'rikors tas-16 ta' Diċembru 2020, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti «*jogħġobha in kwantu għad-digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 tiċħad it-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju kif ukoll tirriforma s-sentenzi appellati tat-2 ta' Ottubru 2012 u 26 ta' Novembru 2020 billi tirrevokahom fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-esponenti u tilqa' l-istess bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi fil-konfront tal-appellati*».

11. L-atturi appellati wieġbu fis-7 ta' Jannar 2021 billi fissru r-raġunijiet għaliex skont huma l-appell interpost għandu jiġi respint.

12. Inżamm smigħ fis-7 ta' Mejju 2024 li matulu d-difensuri tal-kontendenti għamlu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom, u l-appell ġie differit għall-udjenza tal-lum sabiex jiġi deċiż.

<u>*L-Appell mid-digriet tas-27 ta' Awwissu 2019*</u>

13. Bl-ewwel aggravju dedott fir-rikors tal-appell tagħhom, il-konvenuti appellanti jimpunjaw id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu 2019 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss «id-Digriet») dwar it-trasfużjoni tal-ġudizzju meħtieġ wara l-mewt tal-attriċi Angela Magro. Huma jargumentaw li bid-Digriet, uħud mill-konvenuti spiċċaw atturi fl-istess ħin, u dan wassal għal *confusio* skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili.

14. Fit-tweġiba tagħhom, l-atturi appellati jsostnu li dawk il-konvenuti li huma werrieta tal-attriċi Angela Magro kienu assumew sa mill-bidu tal-kawża pożizzjoni li kienet konformi ma' tagħha, tant li anki qabel bdiet il-kawża huma kienu immittew lill-attriċi Angela Magro fil-pussess tal-legat li kien jifforma l-meritu tal-ewwel erba' talbiet tagħha.

15. Fid-dottrina proċesswali, huwa tradizzjonalment miżmum li l-mewt ta' waħda mill-partijiet fil-kawża ġġib l-interruzzjoni tal-proċediment: «*... l'interruzione del procedimento ha luogo alloraquando viene a mancare*

*la persona giuridica che stava in giudizio, o la medesima cessa di essere rappresentata nello stesso giudizio*» (***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol.III, §944). B'konsegwenza jkun neċessarju li ssir l'hekk imsejħa «*riassunzione d'istanza*», jew inkella kif inhi msejħa fl-ordinament ġuridiku tagħna, it-trasfużjoni tal-ġudizzju.

16. Taħt il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-trasfużjoni tal-ġudizzju minħabba l-mewt ta' waħda mill-partijiet tista' ssir f'wieħed minn żewġ modi; l-ewwel mod huwa fuq talba tal-werriet jew tal-eżekutur tal-parti deċeduta, skont l-Artikolu 806 tal-Kodiċi preċitat. It-tieni mod huwa fuq talba ta' waħda mill-partijiet superstiti, skont l-Artikolu 807, liema mod jinvolvi n-notifika tat-talba għat-trasfużjoni lill-werrieta preżuntivi tal-parti defunta, li jkollhom terminu ta' xahar biex jiddikjaraw jekk jaċċettawx jew le li l-ġudizzju jiġi trasfuż f'isimhom, u jwassal għall-ħatra ta' kuraturi fil-każ illi dik id-dikjarazzjoni ma ssirx.

17. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, it-trasfużjoni ntalbet skont l-Artikolu 806, li jgħid hekk:

> "Il-werriet jew l-esekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut matul il-kawża, jew kull wieħed ieħor li jkollu nteress, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta."

18. Ġie deċiż «*Che il diritto dell'erede di continuare una causa cominciata dal suo autore, viene dalla legge della successione, e quello*

*dell'esecutore, nello stesso modo come il diritto del procuratore di un vivente, dalla legge del mandato»*[4]. Dwar il-fakultà li l-liġi tagħti li l-ġudizzju jitkompla f'isem il-mejjet minn «wieħed ieħor li jkollu interess», intqal li: «*tale disposizione, rettamente interpretata, importa che «l'interessato», che non sia l'erede o l'esecutore, può domandare la trasfusione nel caso in cui questa non venisse chiesta dall'erede o dall'esecutore, poichè in caso diverso si verificherebbe l'anomalia di avere un eredità rappresentata nello stesso giudizio da più persone, aventi titoli od interessi che possono essere in conflitto*»[5]. Ġie saħansitra deċiż li l-ġudizzju jista' jiġi trasfuż anke konġuntivament kemm f'isem il-werriet u kemm f'isem terz li jkollu interess[6].

19. Sitwazzjoni simili għal dik tal-każ odjern kienet inqalgħet fil-kawża ***Liberata Spiteri v. Carmelo Spiteri et***. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu 1956[7], intqal hekk:

> "Illi skond il-liġi, art. 809 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eredi jew l-eżekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut "pendente lite", u kull wieħed ieħor li għandu interess, jista' jitlob b'rikors li l-attijiet tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti li tkun mietet. U fl-ewwel paragrafu tal-artikolu ta' wara (810) jinsab stabbilit li jekk ħadd ma jidher biex jitlob sabiex il-kawża tgħaddi fil-

[4] ***Michel'Angelo Tabone v. Giuseppe Bugeja ed altri*** (Appell Superjuri, 13/4/1885 – Kollezz. Vol.X.787).
[5] ***Not. Achille Micallef nom. ed altri v. P.L. Cost. Fenech nom.*** (Appell Superjuri, 6/4/1910 – Kollezz. Vol.XXI.i.196).
[6] F'dan is-sens, ***Carmelo Castagna v. Giuseppe Castagna*** (Prim'Awla, 12/11/1925 – Kollezz. Vol.XXVI.ii.201). Ta' min wieħed jgħid li din id-deċiżjoni kienet bażata fuq it-test tal-Artikolu 806 kif kien promulgat oriġinarjament fl-ilsien Taljan permezz tal-Ordinanza IV tal-1854, fejn l-artikolu oriġinali kien numerat 822. Meta din id-dispożizzjoni ġiet maqluba għall-Malti, fit-traduzzjoni sar żball u l-konġuntiv Taljan "e" li kien jgħaqqad il-kliem "pendenza della lite" ma' "qualunque altro interessato" sar, fit-test Malti, "jew", u dan mingħajr ma kien hemm emenda leġiżlattiva f'dan is-sens.
[7] Kollezz. XL.i.83.

persuna tiegħu minflok il-parti li tkun mietet, il-parti l-oħra tista', b'rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-eredi preżuntiv tal-parti mejta, jekk ikun magħruf, u li jiġu nominati kuraturi biex jidħlu minflok il-mejjet jekk l-eredi preżuntiv, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti fid-digriet, u notifikat lilu, ma jiddikjarax permezz ta' nota, li jrid jissokta l-kawża. Fit-tieni paragrafu l-imsemmi art.810 ikompli jgħid li, meta ma tkun magħrufa ebda persuna li għandha d-dritt li tirrappreżenta l-mejjet, ir-rikors jista' jkun fih biss it-talba għan-nomina tal-kuraturi sabiex jissoktaw il-kawża. L-appellat Carmelo Spiteri qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tan-nullità, minnu opposta, fuq il-motiv li l-eredi ta' Liberata Spiteri kien magħruf, u għalhekk fir-rigward tiegħu messha ġiet segwita l-proċedura stabbilita fl-imsemmi l-ewwel paragrafu tal-art.810, u għaliex l-appellat Filippo Spiteri ma jistax jitqies bħala dik "il-parti l-oħra" prevista fl-istess dispożizzjoni tal-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellat Filippo Spiteri, li jinsab indikat bħala eredi ta' Liberata Spiteri mill-appellat l-ieħor Carmelo Spiteri, ġie konvenut f'din il-kawża "għall-interess li jista' għandu"...

Minn dan jidher li l-pożizzjoni ta' Filippo Spiteri fil-kawża bħala konvenut kienet stabbilita minn żmien qabel il-mewt tal-attriċi Liberata Spiteri..., u in vista ta' dik il-pożizzjoni tiegħu ma setgħax jitlob li l-ġudizzju f'lok dik l-attriċi jiġi trasfuż fil-persuna tiegħu, billi ma setgħax fl-istess kawża u fl-istess ħin ikun attur u konvenut. Mil-banda l-oħra, s-sottomissjoni tal-appellat Carmelo Spiteri, li l-kliem "il-parti l-oħra" li jirrikorru fl-ewwel paragrafu tal-imsemmi art.810, għandhom jiftehmu għall-parti opposta li jkollha interess oppost realment u sostanzjalment, u mhux biss proċedurali, mhix aċċettabbli. Infatti, il-limitazzjoni minnu propunjata hija arbitrarja, u tista' twassal għall-konsegwenza li, meta l-interess tal-kontendenti jkun identiku, bħal f'xi każ ta' diviżjoni, il-kontinwazzjoni tal-proċess tiġi intralċjata u miżmuma, mentri huwa ta' evidenza palmari li l-leġislatur iddetta l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-art.809 u 810 biex, meta jmut fil-kors tal-kawża wieħed mill-litiganti, l-interess tiegħu jiġi rappreżentat biex il-kawża tkun tista' titkompla u tispiċċa;

Ikkunsidrat:

Illi mill-premess jinsab stabbilit dan li ġej: - (a) li mħabba l-kwalità tiegħu ta' konvenut fil-kawża, Filippo Spiteri ma setgħax jitlob li l-ġudizzju għall-interess ta' l-attriċi Liberata Spiteri jiġi trasfuż fil-persuna tiegħu..."

20. Din il-Qorti taqbel ma' din id-deċiżjoni, li minnha jitnisslu żewġ konsiderazzjonijiet ewlenin li jimpinġu fuq l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti.

21. L-ewwel konsiderazzjoni hija li l-proċedura tat-trasfużjoni tal-ġudizzju ma tistax twassal biex parti konvenuta ssir attriċi, jew bil-maqlub. Dan però mhux għar-raġuni sollevata mill-appellanti, u ċjoè dik tal-*confusio*. L-istitut tal-*confusio* huwa maħsub fil-Kodiċi Ċivili tagħna bħala mod kif jiġu estinti l-obbligazzjonijiet, u f'dak is-sens huwa istitut li huwa attinenti għal-liġi sostantiva u mhux għal dik proċedurali. L-ostakolu li qed jiġi rilevat mill-Qorti huwa wieħed proċedurali, li japplika b'mod ġenerali f'kull każ fejn tmut parti fil-kors tal-kawża irrispettivament mill-meritu tal-kawża stess.

22. Jekk ikun hemm konfużjoni fil-persuna tal-kreditur u tad-debitur, din isseħħ *ipso iure* rrispettivament minn jekk u kif issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju, u jista' jkollha l-effetti tagħha fuq il-meritu tat-talba minkejja l-mod kif jiġu leġittimati l-atti. B'mod ta'eżempju, jekk l-attur ikun qed jitlob ħlas ta' somma flus mingħand il-konvenut, u jmut fil-mori u jirriżulta li l-werriet tiegħu ikun l-istess konvenut, għandu jsegwi li (i) <u>proċeduralment</u> il-ġudizzju ma jistax jiġi trasfuż f'isem il-konvenut għaliex inkella l-konvenut isir l-attur, u (ii) b'danakollu, <u>sostantivament</u> l-azzjoni tiġi eżawrita għaliex il-kreditu tal-attur ikun ġie estint bl-operazzjoni tal-konfużjoni.

23. Dan iwassalna għat-tieni konsiderazzjoni, u ċjoè dik li ssir f'isem min issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju, min ikun issubentra minflok il-mejjet ikun iddaħħal fil-

kawża sabiex jirrappreżenta lill-mejjet u lill-eredità tiegħu. L-iskop għalhekk tat-trasfużjoni tal-ġudizzju huwa dak li jinstab rappreżentant tal-mejjet biex ikompli l-kawża f'ismu. Dan l-iskop jirriżulta mill-aktar ċar mill-kliem użat mil-leġiżlatur fit-tielet u fir-raba' subinċiżi tal-Artikolu 810, kif ukoll mill-fatt li skont l-Artikolu 809, il-ġudizzju jista' jiġi trasfuż f'isem l-eżekutur, li huwa proprju rappreżentant tal-wirt, jew f'isem terz interessat li ma jkunx werriet u li allura legalment ma jkomplix il-personalità ġuridika tal-mejjet. La l-eżekutur u t-terz ma jkomplux il-personalità ġuridika tal-mejjet, huma ma jidħlux fil-kawża minfloku *de proprio* imma biss sabiex jirrappreżentaw l-eredità tiegħu.

24. Jekk dawn il-prinċipji jiġu issa applikati għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, għandu jsegwi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili żbaljat meta fid-digriet tagħha tas-27 ta' Awwissu 2019 hija ppermettiet li l-ġudizzju jiġi trasfuż f'isem il-konvenuti George Magro, Salvatore Magro, Emanuel Magro u Joseph Magro. Però lanqas m'għandhom raġun il-konvenuti appellanti jgħidu li t-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju kellha tiġi miċħuda.

25. Dak li kellu jsir huwa li t-talba tintlaqa' biss f'isem dawk il-persuni li huma werrieta ta' Angela Magro iżda mhux ukoll konvenuti, u ċjoè Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin[8]. L-ammissjoni ta' dawn il-werrieta fil-ġudizzju minflok l-attriċi Angela Magro ad esklużjoni tal-werrieta li huma konvenuti ma jfissirx li dawk ammessi se jiksbu xi jeddijiet aktar

---

[8] Hekk kienet għamlet din il-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz tad-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2015 fil-kawża ***Michelangelo Cutajar et v. Emanuel Camilleri et***.

minn dawk esklużi. Kif intqal, il-persuna li f'isimha jiġi trasfuż il-ġudizzju qiegħda biss tirrappreżenta lill-mejjet u lill-wirt tiegħu, b'mod li kull jedd miksub favur jew kontra l-eredità se jkun iseħħ anki kontra l-werrieta li jaċċettaw dak il-wirt. Prinċipju dan li dejjem kien jeżisti fis-sistema legali tagħna, u li kompla jiġi applikat bl-introduzzjoni tal-Artikolu 810B li jippermetti l-eżekuzzjoni ta' sentenzi kontra werrieta li ma jkunux daħlu fil-kawża permezz tat-trasfużjoni.

26. Għalhekk dan l-ewwel aggravju sejjer jintlaqa' biss parzjalment, billi d-Digriet appellat se jiġi riformat fis-sens li t-talba magħmula bir-rikors tat-12 ta' April 2019 se tkun milqugħa biss sa fejn saret minn Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin, u se tiġi miċħuda sa fejn saret mill-konvenuti George Magro, Salvatore Magro, Emanuel Magro u Joseph Magro, bla ħsara madanakollu għal kull jedd ta' dawn l-istess konvenuti *qua* werrieta ta' Angela Magro.

*L-Appell mis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012*

27. Illi t-tieni aggravju sollevat mill-konvenuti appellanti huwa dirett kontra s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2012, u preċiżament kontra dak il-kap tagħha li wassal għar-riġett tar-raba' eċċezzjoni tagħhom dwar il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

28. Dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti tal-ewwel istanza rraġunat hekk:

> "Hu minnu illi Emanuel Magro miet fl-1995 u l-kawza saret fl-2012.

Il-Qorti fil-kawza **Degabriele vs Attard et** deciza 26/06/2005 qalet hekk:

Illi dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici waqghet bil-preskrizzjoni, jinghad li din tinbena fuq dak li jghid l-artikolu 845 tal-Kodici Civili. F'dak l-artikolu l-ligi taghti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew legittima (petitio hereditatis) ghaxar snin zmien mill-ftuh tal-wirt biex jaghmel dan. Fejn min ikollu jedd ghal azzjoni bhal dik ikun taht l-eta', z-zmien ta' ghaxar snin jibda jghodd minn meta tali persuna tilhaq l-eta';

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-attrici qeghda tmexxi kontra l-imharrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejha ta' petitio hereditatis;

Illi z-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin, ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taggha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami;

Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kodici Civili (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih ta' l-haga mitluba daqslikieku kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b'bona fidi. Minhabba li l-bona fidi hija prezunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bhal dik;

F'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova li l-konvenut Angelo Magro kellu f'idejh il-pussess tal-legat bil-mod kif spejgat is-sentenza precitata u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha."

29. Il-fatti li huma rilevanti għal dan l-aggravju jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

- l-attriċi Angela Magro u l-konvenut Angelo Magro huma aħwa, u wħud fost l-ulied tal-attriċi Giuseppa Magro u żewġha Emanuel Magro;

- Emanuel Magro miet fis-26 ta' Frar 1995;

- b'testment *unica charta* konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fit-13 ta' Marzu 1986, it-testatur Emanuel Magro ordna li:

> "B'effett mill-mewt ta' martu, u konsegwibbli minn din id-data, it-testatur iħalli b'titolu ta' prelegat in assoluta u piena proprietà lil bintu Angela Magro, sehemu mid-dar numru wieħed (1), Saint Leonard's Road, limiti tax-Xaqqa, Ħaż-Żabbar. Din id-dar tikkonsisti fil-post il-qadim u fil-post ta' ħdejh li tidħol għalih mix-xatba u li għandu tlett ikmamar, u esklużi minnu t-tlett garages u tlett imqajel li huma ta' proprietà tat-tfal, u li jagħmlu mar-raba' li hija wkoll proprietà tat-tfal, kif ukoll dak kollu illi jinsab fl-imsemmija stabili mħollija b'dan il-prelegat mill-għadba 'l ġewwa, esklużi flus kontanti, titoli u dokumenti oħra, rappresentanti flus u oġġetti tad-deheb u ħaġar fin.
>
> Bħala kondizzjoni għall-konsegwiment ta' dan il-prelegat, u anke b'kumpens għal dak li l-istess bintu għamlet mat-testatur u ma' martu sallum, l-istess testatur jimponi l-obbligu li l-prelegatarja tibqa' tippresta lilu u lil martu l-kuri, serviġi u assistenzi li qegħda tippresta lilu u lil martu sallum u dan sa mewt tat-testatur u ta' martu."

- l-attriċi Giuseppa Magro mietet fil-mori tal-kawża, u qabel l-ewwel udjenza tagħha.

30. Fl-ewwel parti tal-aggravju tagħhom, il-konvenuti appellanti jilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-ewwel istanza, fl-ewwel smigħ tal-kawża li nżamm fis-26 ta' April 2021, u fl-assenza tal-avukat tagħhom, ordnat li jsiru noti ta' sottomissjonijiet fuq l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tagħhom minflok tathom l-opportunità li jressqu provi dwarhom. Huma jilmentaw

mill-fatt li fl-udjenza ta' wara, li nżammet fil-25 ta' Ġunju 2012, l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ppermettiet lill-attriċi Angela Magro tixhed meta huma kienu preżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, u dan kiser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

31. Din il-Qorti tinnota li waqt l-udjenza tal-25 ta' Ġunju 2012, l-avukat tal-konvenuti appellanti ddikjara li huma ma kellhomx aktar provi dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet. Fil-fatt, mhux minnu li l-konvenuti appellanti ma ressqux provi dwar dawn l-eċċezzjonijiet tagħhom; huma pproduċew bħala xhud lill-attriċi Angela Magro stess, li ġiet prodotta minnhom[9]. Għalhekk huwa evidenti li l-Qorti tal-ewwel istanza b'ebda mod ma pprekludiet lill-konvenuti appellanti milli jressqu provi, iżda kienu huma stess li ma riedux iressqu aktar provi, aktarx għaliex kienu f'dak il-mument immexxija mill-impressjoni li kellhom li l-preskrizzjoni minnhom eċċepita kienet waħda estintiva, u mhux akkwiżittiva, u li għalhekk ma kellhomx bżonn jippruvaw il-pussess. Kienet x'kienet ir-raġuni għaliex huma ma ressqux aktar provi, jirriżulta li din seħħet b'rieda tagħhom, u għalhekk din il-parti tal-aggravju hija żgur fiergħa.

32. Fl-aggravju tagħhom, il-konvenuti appellanti mbagħad jagħmlu riferenza għall-provi prodotti wara s-sentenza mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2012, u jsostnu illi dawk il-provi juru li l-konvenut Angelo Magro tassew

[9] Ara fol.80.

kellu l-pussess neċessarju sabiex titqies fondata l-eċċezzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

33. Iżda din l-eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti xorta waħda ma tistax tintlaqa'.

34. Il-Qorti tosserva illi hija regola ġenerali f'materja ta' preskrizzjoni li din ma tibdix tiddekorri qabel ma titwieled l-azzjoni – *actio non natae non praescribitur*. Regola ġenerali li ġiet kodifikata permezz tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, liema dispożizzjoni hija bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi. Intqal dwar din ir-regola ġenerali li: «*Il-liġi tagħna b'disposizzjoni espressa tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tgħaddi mill-ġurnata li fiha l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (Art 2137 tal-Kodiċi Ċivili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tiegħu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi*» (***Mario Lapira v. C&A Company Limited***, Appell Inferjuri, 2/6/2003).

35. Il-prelegat li dwaru saret l-azzjoni attriċi kien magħmul espressament mit-testatur «*B'effett mill-mewt ta' martu, u konsegwibbli minn din id-data...*». Dan ma jfisser xejn ħlief li l-legatarja attriċi ma setgħetx titlob il-pussess tal-legat imħolli lilha qabel ma mietet ommha. Li

għalhekk ifisser li t-terminu tal-preskrizzjoni tal-għaxar snin ma bedix jgħaddi mal-mewt ta' Emanuel Magro.

36. L-Artikolu 717 tal-Kodiċi Ċivili jgħid: «*Il-kondizzjoni li, fil-ħsieb tat-testatur, hija magħmula biss sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tad-dispożizzjoni tat-testment, ma timpedix lill-werriet jew lil-legatarju milli jkollu jedd miksub li jista' jgħaddi lill-werrieta tiegħu ukoll qabel ma tiġri l-kondizzjoni*».

37. Din id-dispożizzjoni tixbah ħafna dik tal-Artikolu 1041 tal-Kodiċi Napoljoniku. ***Troplong*** spjega li: «*Questo articolo non è se non l'applicazione del principio, che, quando la condizione sospende solo l'esecuzione è non la disposizione, questa è pura e semplice. Purum est legatum quia non conditione, sed mora suspenditur*»[10]. Dwar l-istess dispożizzjoni, ***Marcadè*** fisser ruħu hekk:

> "Quando il legato è sottomesso a una condizione, e questa condizione non è adempiuta prima della morte del testatore, non più per effetto della morte, ma per l'adempimento della condizione si apre e divien trasmissibile ai suoi rappresentanti il dritto del legatario.
>
> Ma, beninteso, è d'uopo che l'avvenimento preveduto formi veramente una condizione, cioè che sospenda la disposizione medesima, rendendono dubbia l'esistenza; se l'avvenimento, senza rendere incerta l'esistenza del dritto, ne ritardasse soltanto l'esecuzione, allora, malgrado l'espressione inesatta dell'art.1041, non sarebbe più una condizione, sarebbe un termine. In quest'ultimo caso il legato si aprira sempre con la morte del testatore, e sebbene l'avvenimento non venga ad avverarsi che dopo la morte del legatario

[10] Delle Donazioni tra Vivi e de'Testamenti (Napoli, 1856), §2135.

> fin dall'apertura della successione è da lui trasmesso ai suoi rappresentanti.[11]"

38. F'dan is-sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Victor Cauchi nomine v. Mario Tabone*** (Qorti ta' Għawdex, 4/12/2007[12]) fejn ġie ritenut: «*Jiġifieri, minkejja li l-legat in kwistjoni seta' jiġi perċepit biss wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi, fil-każ tagħna Hilda Debrincat, il-legatarju, ġialadarba seħħet dik il-kondizzjoni, laħaq akkwista d-drittijiet tiegħu retroattivament b'effett mill-apertura tas-suċċessjoni tat-testatur, u ċioe' mill-mewt tiegħu*».

39. Hekk ukoll fil-każ odjern huwa ċar mil-lokuzzjoni adoperata fid-dispożizzjoni testamentarja taħt eżami li l-kondizzjoni dwar il-mewt taż-żewġ testaturi tolqot iż-żmien li fih għandu jitwettaq il-legat, u mhux l-eżiġibilità sostantiva tiegħu. U la dik il-kondizzjoni kienet tolqot iż-żmien li fih għandu jitwettaq il-legat, mela jsegwi li dik il-kondizzjoni bilfors tinċidi fuq il-preskrizzjoni eċċepita, għaliex ħadd ma jista' jiddekadi mid-dritt li jitlob xi ħaġa qabel ma jasal iż-żmien li fih ikollu l-jedd jitlobha.

40. Però l-Artikolu 845 jgħid hekk:

> "845.(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

---

[11] Corso Elementare di Diritto Civile Francese (Napoli, 1857), Vol.III, §185.
[12] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2008.

> (2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.”

41. Jidher għalhekk li l-Artikolu 845(1) jorbot id-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni «mill-ftuħ tas-suċċessjoni». Minkejja dan, il-ġurisprudenza tagħna sa minn żmien ilu qieset li ż-żmien tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 845 ma jibdix jiddekorri jekk jirriżulta li l-legatarju kien fl-impossibilità li jaġixxi qabel ċertu żmien. Fil-fatt fid-deċiżjoni ***Carmela moglie di Giuseppe Falzon dallo stesso assistita v. Emmanuele Bezzina ed altri*** (Appell Superjuri, 16/12/1918)[13] intqal hekk:

> “Che dall’altra parte l’attrice non poteva reclamare il legato prima della morte di Bartolomeo per la ragione che tale legato doveva conseguirsi, giusta il testamento, alla morte del superstite, e perciò era un legato *ex die*: la prescrizione è sospesa in pendenza del termine (articolo 1889 Ordinanza VII del 1868) il quale motivo di sospensione deve intendersi comune alla decadenza dal diritto, concorrendovi lo stesso motivo “ubi eadem ratio ibi et eadem juris dispositio esse debet”

42. Għalhekk il-preskrizzjoni eċċepita ma tistax tintlaqa’, u konsegwentement, anki jekk għal raġunijiet diversi minn dawk mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza, s-sentenza appellata tat-2 ta’ Ottubru 2012 qed tiġi kkonfermata.

*<u>L-Appell mis-sentenza tas-26 ta’ Novembru 2020</u>*

---

[13] Kollezz. Vol.XXIII.i.716.

43. Kontra s-sentenza tas-26 ta' Novembru 2020, l-konvenuti appellanti jressqu tliet aggravji. Dawn jistgħu jiġu brevement esposti kif ġej:

(i) li l-Qorti tal-ewwel istanza żbaljat meta kkonkludiet li l-bitħa, l-bir, il-kamra tal-annimali jew tal-inbid u r-remissa lkoll jiffurmaw parti mil-legat imħolli lill-attriċi Angela Magro;

(ii) li l-Qorti tal-ewwel istanza żbaljat meta, fin-nuqqas li tistabbilixxi d-daqs oriġinali tal-kamra tal-annimali jew tal-inbid, għaddiet biex tordna li d-daqs għandu jkun sa nofs il-bieb tal-ħadid, billi dan wassal għal daqs akbar milli messu jkun kif ukoll biex is-suċċessuri ta' Angela Magro jistagħnu indebitament;

(iii) li l-Qorti tal-ewwel istanza żbaljat meta akkollat l-ispejjeż tal-konvenuti l-oħrajn fuqhom.

44. Il-Qorti sejra tibda billi tqis flimkien l-ewwel żewġ aggravji appena msemmija, u ċjoè t-tielet u r-raba' aggravji fl-appell tal-konvenuti appellanti, billi dawn entrambi jitrattaw l-estensjoni tal-legat imħolli lill-attriċi Angela Magro.

45. Il-fatti rilevanti għal dawn l-aggravji, b'żieda ma' dawk diġà rilevati aktar qabel f'din is-sentenza, huma dawn:

- b'kuntratt riċevut min-Nutar Victor John Bisazza fl-24 ta' Awwissu 1984, il-konjuġi Emanuel Magro, matul iż-żwieġ tiegħu ma' Giuseppina Magro, xtara mingħand Evelyn Montebello «*ir-razzett li jġib in-numru wieħed (1) fi Triq tax-Xjakka, Ħaż-Żabbar li jikkonsisti f'entrata mgħottija, b'bieb li jgħati għar-raba' u bieb ieħor li jġib in-numru wieħed (1) għat-triq; hemm kamra fuq ix-xellug tal-istess entrata, kamra oħra tmiss magħha b'bieb għall-istess raba' u taraġ għall-pjan ta' fuq; kamra oħra tmiss ma' ta' qabel b'bieb għall-bitħa fil-fond, fejn teżisti kamra oħra; kamra oħra quddiem il-bitħa u kamra oħra li tmiss magħha. Fil-pjan ta' fuq hemm kamra fuq l-entrata b'tieqa għat-triq u b'tieqa oħra għar-raba, loġġa fl-ispazju ta' quddiem it-taraġ b'bieb għall-bejt. It-taraġ iwassal għal-kamra oħra li tinsab fuq il-kmamar ta' fuq l-entrata u dik laterali. Hemm ukoll kamra tal-annimali li tinsab fir-raba' ta' wara r-razzett. Dan ir-razzett, bil-kamra, jidher immarkat bl-aħmar fuq il-pjanta annessa ma' dan il-kuntratt għar-reġistrazzjoni, markata dokument bl-ittra 'A'. Dan ir-razzett, flimkien mar-raba ta' madwaru, hu soġġett għall-pis annwu u perpetwu ta' quddies ta' tmienja u ħamsin ċenteżmi u tlett milleżmi mħolli minn Giuseppe Briffa u debitament denunzjat skond il-finijiet tal-liġi*».

- b'kuntratt riċevut min-Nutar Victor John Bisazza fl-istess jum il-konvenut Angelo Magro u ħutu Emanuel, Giuseppe, George u Salvatore aħwa Magro xtraw b'sehem ta' kwint indiviż kull wieħed mingħand l-istess venditriċi «*ir-raba' fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar kontrada Ta' Xjakka, imsejjaħ "ta' Għadajma" li tikkonsisti fi tmien ħbula f'livelli differenti, mtarġin b'kejl superfiċjali ta' disgħat itmiem, ħames siegħan u tlett kejliet, ossia ħdax-il elf mija u għaxra punt disgħa metri kwadri (11,110.0 m$^2$) jikkonfina mil-Lvant in parti ma' Triq ix-Xjakka u parti ma' raba' jinħadem minn Frenċ tal-Kus, min-nofsinhar mat-Triq ix-Xjakka, mill-Punent parti ma' raba' jinħadem minn Leli Buhagiar tal-Ħawli u parti ma' raba' tal-kumpraturi, mill-Majjistral ma' raba' tal-istess kumpraturi u mit-Tramuntana ma' raba' maħdum minn Mikiel ta' Melħu. Dan ir-raba' hu kollu saqwi, b'ġiebja b'żewġ bokok, bid-dritt li tirċevi l-ilma minn taħt proprjetà ta' ħaddieħor li tinsab aktar 'l fuq, b'kamra żgħira fit-tieni ħabel u fit-tmien ħabel hemm ukoll bir u erba' kmamar u żewġ 'garages' mibnija f'dawn l-aħħar snin. Dan ir-raba' hu markat bl-aħmar fuq il-pjanta annessa ma' dan l-att għar-reġistrazzjoni, markata dokument ittra 'A' u survey sheet annessa ma' dan il-kuntratt għar-reġistrazzjoni markata dokument bl-ittra 'X'. Dan ir-raba', flimkien mar-razzett li jmiss miegħu, hu soġġett għall-pis annwu u perpetwu ta' quddies ta' tmienja u ħamsin ċenteżmi u tlett milleżmi mħolli minn Giuseppe Briffa u debitament denunzjat skond il-finijiet tal-liġi. Il-benefikati msemmija huma wkoll ta' natura rurali*»;

- minn eżami ta' dawn iż-żewġ kuntratti u l-pjanti mehmuża magħhom, jirriżulta li dakinhar l-aħwa subien Magro xtraw ir-raba' u xi benefikati rurali li l-estensjoni tagħha hija murija fuq l-imsemmija pjanti, filwaqt li missierhom xtara r-razzett u l-kamra li huma sitwati fuq l-istess raba', u li huma ndikati bl-aħmar fuq il-pjanta li tinsab eżebita a fol.41.;

- b'testment *unica charta* konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fit-13 ta' Marzu 1986, it-testatur Emanuel Magro ordna li:

> "B'effett mill-mewt ta' martu, u konsegwibbli minn din id-data, it-testatur iħalli b'titolu ta' prelegat in assoluta u piena proprietà lil bintu Angela Magro, sehemu mid-dar numru wieħed (1), Saint Leonard's Road, limiti tax-Xaqqa, Ħaż-Żabbar. Din id-dar tikkonsisti fil-post il-qadim u fil-post ta' ħdejh li tidħol għalih mix-xatba u li għandu tlett ikmamar, u esklużi minnu t-tlett garages u tlett imqajel li huma ta' proprietà tat-tfal, u li jagħmlu mar-raba' li hija wkoll proprietà tat-tfal, kif ukoll dak kollu illi jinsab fl-imsemmija stabili mħollija b'dan il-prelegat mill-għadba 'l ġewwa, esklużi flus kontanti, titoli u dokumenti oħra, rappresentanti flus u oġġetti tad-deheb u ħaġar fin.
>
> Bħala kondizzjoni għall-konsegwiment ta' dan il-prelegat, u anke b'kumpens għal dak li l-istess bintu għamlet mat-testatur u ma' martu sallum, l-istess testatur jimponi l-obbligu li l-prelegatarja tibqa' tippresta lilu u lil martu l-kuri, serviġi u assistenzi li qiegħda tippresta lilu u lil martu sallum u dan sa mewt tat-testatur u ta' martu."

- b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar William Azzopardi fit-8 ta' Frar 2010, Giuseppa Magro trasferiet b'titolu ta' donazzjoni favur Angela Magro «*nofs indiviż tad-dar numru wieħed (1) Saint Leonard Road, Żabbar, liema triq qabel kellha l-isem ta' Triq tax-Xjakka liema dar*

*għandha żewġ bibien, it-tnejn fl-istess triq u liema dar m'għandhiex pussess vaganti minħabba li hija r-residenza tad-donanti*»;

- l-attriċi Angela Magro xehdet[14] li t-tliet ikmamar u t-tliet imqajel ta' ħutha s-subien li ġew esklużi mil-legat tagħha huma dawk li jinsabu fuq ir-raba' li xtraw ħutha stess, u li tista' tidħol għalihom mix-xatba murija fir-ritratt eżebit bħala AM5. It-tliet ikmamar li kien hemm ġew demoliti u minflokhom ġew eretti ħamest ikmamar li jintużaw bħala garaxxijiet, filwaqt li l-imqajel għadhom kif kienu. Dwar ir-razzett, hija xehdet li dan għandu żewġ bibien li jagħtu għat-triq pubblika msemmija. Kif tidħol mill-bieb li jinsab fil-ponta tar-razzett, issib sqaq mikxuf. Fuq in-naħa tal-lemin ta' dan l-isqaq mikxuf hemm żewġt ikmamar li l-attriċi tgħid kienu jsibuhom bħala «l-kamra tat-tiġieġ» u bħala «l-maqjel tat-tiben», u li tidħol għalihom mill-kamra tat-tiġieġ, u huma konnessi permezz ta' bitħa nterna. Fit-tarf tiegħu, dan l-isqaq mikxuf jiftaħ għal fuq bitħa li fl-antik kienet tifred ir-razzett f'żewġ binjiet separati, u ċjoè tliet ikmamar u maqjel li lkoll imissu ma' xulxin fuq in-naħa tax-xellug u erbat ikmamar oħra fuq in-naħa tal-lemin.

- l-attriċi spjegat li l-kmamar tal-lemin huma: (i) l-kamra li kienu jsibuha bħala l-entrata, u li tista' tidħol għaliha mill-bieb l-ieħor tar-razzett (li qabel kien bieb kbir ta' remissa imma li ġie mibdul f'bieb

[14] Ara fol.97.

iżgħar minn Emanuel Magro stess); (ii) mill-entrata tidħol għal kamra oħra fejn kienu jorqdu l-ġenituri ta' Angela Magro li wkoll kienet tagħti għal (iii) kamra oħra li kienu jsejħulha «ta' taħt it-taraġ», li (iv) minnha mbagħad tasal għal kamra oħra fejn kienu jorqdu l-aħwa subien. Din l-aħħar kamra kienet tmiss mal-kamra tat-tiġieġ. B'taraġ imbagħad stajt titla' għas-sular ta' fuq fejn kien hemm żewġt ikmamar u loġġa li tagħti fuq gallarija;

- l-attriċi xehdet ukoll li l-kmamar tax-xellug huma: (i) kamra li l-kontendenti kienu jsibu bħala l-kamra tal-pranzu, li kellha bieb jagħti fuq l-isqaq u tieqa li tagħti fuq il-bitħa; (ii) kċina, li tieħu għal (iii) kamra tal-banju. Il-maqjel ġjà msemmi kien imiss mal-kamra tal-banju għalkemm ma kienux imniffdin;

- kemm ir-raba' u r-razzett kienu fil-familja ta' Emanuel Magro minn żmien twil bi qbiela qabel ma saru l-kuntratti fl-24 ta' Awwissu 1984. L-attriċi spjegat illi l-ambjenti tar-razzett u tar-raba' kienu mniffdin sabiex missierha u ħutha s-subien ikunu jistgħu jgħaddu minn waħda għall-oħra faċilment, u hekk baqgħet is-sitwazzjoni anki wara li l-proprjetajiet inkisbu mill-missier u mill-ulied kif ġie spjegat. L-attriċi xehdet ukoll li missierha f'xi żmien kien saqqaf parti mill-bitħa u ħoloq kamra oħra li kienet tgħaqqad il-bini tax-xellug mal-bini tal-lemin biex b'hekk il-bitħa nqasmet fi tnejn, u f'dik il-parti li tmiss mar-raba' ta' terzi, kien hemm

bir[15]. Il-kamra l-ġdida kienet tissejjaħ «is-salott». L-attriċi tgħid li fit-tarf tal-bitħa kien hemm kamra li huma kienu jsejħula «tal-annimali» għaliex missierha kien iżomm il-bhejjem fiha, u aktar tard, beda jużaha biex iżomm l-inbid fiha;

- irriżulta wkoll li din il-bitħa kienet saret bil-konkos fi żmien meta l-proprjetà kienet għadha għand Emanuel Magro bi qbiela, u għalhekk kienet diġà saret bil-konkos meta saru l-kuntratti fl-1984[16];

- l-attriċi xehdet li l-konvenut Angelo Magro beda juża l-kamra tal-annimali (jew tal-inbid)[17] mingħajr il-permess tagħha wara li miet missierhom. Hu kien talabha permess biss biex ikabbar din il-kamra, liema permess hija kienet tagħtu[18]. Dan ix-xogħol fil-fatt kien sar mill-konvenut Angelo Magro. L-attriċi xehdet li l-kamra li kien bena missierha, u ċjoè dik li kienet teżisti qabel saru x-xogħlijiet mill-konvenut Angelo Magro, «*kienet tasal bejn wieħed u ieħor sa nofs il-bieb li jidher fir-ritratt "AM30" u kellha l-bieb tagħha li kien wieħed ta' daqs normali ta' kamra u kien jinsab fuq in-naħa tal-lemin meta tħares lejha minn faċċata*»[19]. Il-konvenut Angelo Magro però jgħid li din il-kamra tinsab fuq l-art akkwistata minnu u minn ħutu s-subien l-oħrajn, u ġiet f'idejh wara li huma qasmu b'mod informali r-raba' akkwistat

---

[15] Ara fol.101.
[16] Ara x-xiehda in kontroeżami tal-konvenut, a fol.281.
[17] Li hija murija bl-ittra "Y" fuq il-pjanta a fol.276.
[18] Ara fol.100.
[19] Fol.100.

minnhom[20]. Waqt il-kontroeżami, huwa qabel li din il-kamra kienet inxtrat minn missieru, però missieru kien ħalliha fir-raba' u r-raba' misset lilu[21]. Qabel ix-xogħlijiet magħmula mill-konvenut Angelo Magro, il-kamra in kwistjoni kienet aċċessibbli mill-ambjenti tar-razzett, kif ikkonferma l-konvenut Angelo Magro stess;

- l-attriċi lmentat ukoll li l-konvenut Angelo Magro, li għandu d-dar residenzjali tiegħu ftit bogħod mir-razzett, kien għadda komunikazzjoni tal-elettriku u tal-ilma mill-bitħa li l-attriċi tgħid li tifforma parti mir-razzett u li huma parzjalment midfuna fl-art;

- il-konvenut Angelo Magro min-naħa tiegħu isostni li: «*l-art mill-għadba tar-razzett 'il barra, ċioè il-bitħa b'dak kollu li hemm fiha kif deskritt fil-paragrafu ta' qabel dan, u anke l-art 'il barra mill-imsemmija bitħa, hija kollha proprjetà tiegħi*»[22];

- waqt il-kontroeżami tiegħu, il-konvenut Angelo Magro qabel li l-bitħa, il-kamra tat-tiġieġ u l-maqjel tat-tiben huma parti mir-razzett, u kkonferma l-istess ħaġa fuq bosta mill-ambjenti l-oħra msemmija mill-attriċi[23]. Huwa sostna però li missieru xtara biss il-bieb li jagħti mill-entrata għall-bitħa, u għalhekk il-bir li hemm f'dik il-bitħa mhux tal-

[20] Fol.205.
[21] Fol.263.
[22] Fol.205.
[23] Fol.249-263.

attriċi. Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-bitħa fl-antik kienet waħda u kienet taqsam ir-razzett, li kellu kmamar fuq naħa u fuq oħra. Hu kkonferma illi l-parti tar-razzett li kien fuq it-triq kienu jsibuh bħala l-antik u l-kmamar fuq in-naħa l-oħra kienu jsibuhom bħala l-parti l-ġdida[24], kif ukoll li missieru f'xi żmien kien bena kuritur biex għaqqad dawn iż-żewġ partijiet flimkien.

46. Dan l-aspett tal-kwistjoni bejn il-kontendenti għalhekk jissarraf f'interpretazzjoni dwar x'kien il-kontenut tal-legat imħolli minn Emanuel Magro lil Angela Magro, kif ukoll dwar x'tikkomprendi l-proprjetà li ġiet donata lilha minn ommha Giuseppina Magro. Fil-fehma tal-Qorti, hija għalhekk l-intenzjoni tal-aljenanti li tgħodd u tipprevali, liema intenzjoni jidher li kienet waħda komuni bejniethom, u ċjoè li Emanuel u Giuseppina konjuġi Magro riedu li binthom Angela Magro tieħu d-dar numru wieħed (1), Saint Leonard's Road, limiti tax-Xaqqa, Ħaż-Żabbar, u dan bi ħlas tas-serviġi li din kienet ipprestatilhom u kienet għad trid tipprestalhom. Mela għalhekk il-kwistjoni hija x'tikkomprendi din il-proprjetà.

47. Ir-regola li għandha tanima d-deċiżjoni tal-Qorti dwar dan l-aspett tal-kwistjoni hija dik kontenuta fl-Artikolu 731(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk: «*Il-ħaġa mħollija legat titqies li ġiet imħollija, u għandha tiġi kkunsinnata, bl-aċċessorji meħtieġa tagħha, u fil-kondizzjoni li tkun tinsab*

[24] Fol.254.

*dak in-nhar tal-mewt tat-testatur*». Li jfisser li dak li ġie mogħti lill-attriċi Angela Magro hu d-dar imsemmija bl-aċċessorji tagħha fiż-żmien tal-mewt ta' missierha.

48. Din il-konklużjoni hija fortifikata mill-fatt li fil-legat in kwistjoni ġew esklużi biss dawk l-ambjenti li t-testatur kwalifika bħala appartenenti lill-uliedu l-oħra, u ċjoè dawk l-ambjenti li l-aħwa subien xtraw b'kuntratt separat magħmul fl-istess jum kif diġà ingħad. It-testatur ma eskluda ebda parti mill-ambjenti li jappartjenu lilu, u kif qed tifhem il-Qorti, ix-xewqa u r-rieda tiegħu kienu li dak minnu akkwistat bil-kuntratt tal-24 ta' Awwissu 1984 ried jagħtih lill-attriċi Angela Magro.

49. Fl-appell tagħhom, il-konvenuti jagħtu mportanza kbira lejn id-deskrizzjoni tal-proprjetà li kienet inkluża fil-kuntratt li bih xtara Emanuel Magro, u jgħidu li dawk l-ambjenti li mhumiex espressament imsemmija f'din id-deskrizzjoni għandhom jitqiesu li ma ġewx akkwistati minn Emanuel Magro, u b'hekk ma jistgħux jifformaw parti mill-proprjetà li Emanuel Magro, u warajh Giuseppina Magro, trasferew lill-attriċi Angela Magro.

50. Madanakollu l-Qorti setgħet tinnota li l-ambjenti li l-konvenuti appellanti jsostnu li mhux kompriżi fil-kuntratt tal-akkwist ta' Emanuel Magro lanqas ma huma msemmija jew kompriżi fil-kuntratt tal-akkwist ta'

Angelo Magro u ta' ħutu s-subien. Kif jirriżulta mix-xhieda mogħtija min-Nutar Victor Bisazza[25], l-intenzjoni tal-akkwirenti dakinhar tal-24 ta' Awwissu 1984 kienet li l-ambjenti kollha posseduti minn Magro bi qbiela jinkisbu minnhom b'xiri. Il-missier kellu jixtri l-ambjenti mibnija kollha, ad eċċezzjoni ta' dawk il-benefikati li kienu msemmija fil-kuntratt tal-akkwist ta' wliedu. Għalhekk jidher li l-kostruzzjonijiet li mhux imsemmija fil-kuntratt ta' Angelo Magro u ħutu għandhom jitqiesu li kienu jappartjenu lill-missier.

51. Hekk ukoll, il-Qorti finalment tqis li huwa aktar rilevanti li jiġi kkunsidrat x'kienet l-estensjoni tar-razzett u tal-aċċessorji tiegħu fiż-żmien meta miet Emanuel Magro milli x'kienet dik l-estensjoni fis-sena 1984. Wara kollox, il-liġi stess tgħid li fil-legat jitqies kompriż l-oġġett bl-aċċessorji tiegħu fil-kondizzjoni li kien fih fiż-żmien tal-mewt tat-testatur. Mix-xiehda li ngħatat waqt il-kawża, l-Qorti setgħet tifhem u tapprezza li dawn l-ambjenti kollha kienu aċċessorji tar-razzett, fis-sens ġeneralment mifhum tal-kelma: «*Bil-kelma aċċessorju, minn "accessio" infatti wieħed għandu jifhem xi ħaġa li qegħda taġġunġi ruħha ma' oħra... u l-liġi fl-art.611 tal-Kodiċi Ċivili tiskjarixxi dana l-konċett billi tagħtina idea dwar il-funzjoni tal-aċċessorju fil-konfront tal-Prinċipal, b'dawna l-kliem fejn:*

[25] Ara fol.231.

*"Titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet mgħaqqda biss għall-użu jew għat-tiżjin ta' dik il-parti, jew sabiex tagħmilha kompluta»*[26].

52. Ma jidhirx għalhekk li t-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti huwa fondat sa fejn huwa mibni esklussivament fuq id-deskrizzjoni kontenuta fil-kuntratt tal-akkwist ta' Emanuel Magro mingħajr ma saret kontestazzjoni valida għall-karattru aċċessorju li l-ambjenti in kwistjoni kellhom fiż-żmien li miet Emanuel Magro mar-razzett imħolli lill-attriċi Angela Magro, jew għall-apprezzament tal-provi dwar dak l-istess karattru aċċessorju li sar fis-sentenza appellata, u li din il-Qorti tikkondividi.

53. Fir-rigward tar-raba' aggravju mqanqal mill-konvenuti appellanti, li bih jilmentaw li l-Qorti tal-ewwel istanza ma messix qagħdet fuq ix-xhieda tal-attriċi Angela Magro sabiex tasal għad-daqs oriġinali tal-kamra tal-annimali jew tal-inbid, il-Qorti tqis li għandhom raġun l-atturi appellati jgħidu li l-konvenuti appellanti ma jistgħux jistennew aħjar, meta kienu huma stess li naqsu li jindikaw lill-Ewwel Qorti liema kien skont huma d-daqs oriġinali ta' din il-kamra.

54. Kien il-konvenut Angelo Magro li biddel id-daqs tal-kamra in kwistjoni u għalhekk hu wkoll kien fil-pożizzjoni li jindika dan id-daqs

---

[26] ***Alfred Anastasi nomine v. Anthony Camilleri, O.B.E. nomine*** (Prim'Awla, 15/4/1964 – Kollezz. Vol.XLVIII.ii.952).

oriġinali lill-Qorti tal-ewwel istanza. La huwa naqas milli jagħmel dan, ma jistax ilum lill-Qorti tal-ewwel istanza għaliex ħasset li kellha toqgħod fuq dak li xehdet l-attriċi. Deċiżjoni li dik il-Qorti kienet pjenament libera u fis-setgħa li tagħmel, u li din il-Qorti ma ssib ebda raġuni biex tiċċensura.

55. Għalhekk dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

56. Jonqos biss l-aħħar aggravju li permezz tiegħu l-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Qorti tal-ewwel istanza weħlithom ukoll l-ispejjeż tal-konvenuti l-oħra li ammettew it-talbiet tal-atturi.

57. Dan l-aggravju però ma fihx utilità. Is-sentenza appellata tgħid li l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenut Angelo Magro. Ħarsa lejn it-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż turi li ma ġewx intaxxati spejjeż dwar il-konvenuti l-oħrajn, u għalhekk fl-ewwel istanza l-konvenut Angelo Magro ma weħel ebda spejjeż dwar dawn il-konvenuti.

58. F'kull każ il-Qorti ma jidhrilix li l-preżenza tal-konvenuti l-oħrajn, ukoll ko-werrieta, ma kinitx neċessarja għall-integrità tal-ġudizzju f'kawża fejn kienet qed tiġi diskussa l-estensjoni ta' legat. Hu minnu li l-werrieta l-oħrajn kienu aċċettaw li volontarjament jimmettu fil-pussess lill-attriċi, però l-Qorti qed tifhem li d-deċiżjoni f'din il-kawża setgħet taffettwa l-

pożizzjoni ġuridika tagħhom ukoll[27], u għalhekk ma tqisx li dawn ġew ċitati għalxejn.

59. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-appell tal-konvenuti appellanti billi:

(i) tilqgħu biss sa fejn sar fil-konfront tad-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu 2019 u tirriforma l-imsemmi digriet fis-sens li t-talba magħmula bir-rikors tat-12 ta' April 2019 hija milqugħa biss sa fejn saret minn Grezzju Magro, Anthony *sive* Ninu Magro, Michelina *sive* Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin, u hija miċħuda sa fejn saret mill-konvenuti George Magro, Salvatore Magro, Emanuel Magro u Joseph Magro, bla ħsara madanakollu għal kull jedd ta' dawn l-istess konvenuti *qua* werrieta ta' Angela Magro, u konsegwentement tordna li dan ikun rifless fl-okkju tal-kawża;

(ii) tiċħdu fil-kumplament tiegħu u konsegwentement tikkonferma s-sentenzi mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2012 u fis-26 ta' Novembru 2020;

---

[27] Ara, per eżempju, ***Odette Abela v. Josephine Cassar*** (Prim'Awla, 20/5/2019), li wkoll kienet azzjoni għall-immissjoni fil-pussess fejn ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża tal-eredi l-oħra, minħabba n-natura tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

(iii) tordna li l-ispejjeż tat-tieni istanza jiġu mħallsin in kwantu għal erba' kwinti ($^4/_5$) mill-konvenuti appellanti, u in kwantu għar-rimanenti kwint ($^1/_5$) mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da